


# Linji Gwida u Rakkomandazzjonijiet

Linji gwida u Rakkomandazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Prinċipji CPSS-IOSCO għall-  
Infrastrutturi tas-Suq Finanzjarju fir-rigward tal-Kontropartijiet Ċentrali





Data: 4.9 2014

ESMA/2014/1133

## Werrej

I. Kamp ta' Applikazzjoni	4
II. Skop	4
III. Obbligi ta' konformità u ta' rappurtar	5
IV. Linji Gwida u Rakkomandazzjonijiet	6



## Akronimi Użati

CCPs	Kontropartijiet Ċentrali
Awtorità Kompetenti	L-awtorità maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 22 tal-EMIR. L-ESMA hija responsabbli għaż-żamma fuq il-websajt tagħha tal-lista li ġejja tal-awtoritajiet kompetenti maħtura f'konformità mal-Artikolu 22 tal-EMIR. Din il-lista hija disponibbli fuq: <a href="http://www.esma.europa.eu/page/Competent-authorities-responsible-authorisation-and-supervision-central-counterparties-CPPs">http://www.esma.europa.eu/page/Competent-authorities-responsible-authorisation-and-supervision-central-counterparties-CPPs</a>
CPSS-IOSCO	Kumitat dwar is-Sistemi ta' Pagament u Saldu u l-Bord tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli
EMIR	Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet – imsejjaħ ukoll “ir-Regolament”.
ESMA	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq
Ir-Regolament ESMA	Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE
PFMIs	Il-Prinċipji CPSS-IOSCO għall-infrastruttura tas-suq finanzjarju, April 2012 ( <a href="http://www.bis.org/publ/cpss101a.pdf">http://www.bis.org/publ/cpss101a.pdf</a> ).
STR	Standards Tekniċi Regulatorji

## I. Kamp ta' Applikazzjoni

### Min?

1. Dawn il-Linji gwida u r-Rakkomandazzjonijiet japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 22 tal-EMIR għat-twettiq tad-dmirijiet li jirriżultaw mill-EMIR għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CCPs.

### Xiex?

2. Dawn il-Linji gwida u r-Rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-Prinċipji CPSS-IOSCO għall-Infrastruttura tas-Suq Finanzjarju<sup>1</sup> (PFMIs) mill-awtoritajiet kompetenti bħala parti mill-eżerċizzju tad-dmirijiet tagħhom li jirriżultaw mill-EMIR għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CCPs skont l-Artikolu 22 (1) tal-EMIR.

### Meta?

3. Dawn il-Linji gwida u r-Rakkomandazzjonijiet japplikaw minn 4.9.2014.

## II. Skop

4. Wara l-adozzjoni tal-PFMIs fl-2012, is-CPSS-IOSCO beda proċess ta' valutazzjoni tal-implimentazzjoni tagħhom. Attwalment qed issir valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-UE fir-rigward tal-PFMIs.
5. Din il-valutazzjoni tinvolvi analiżi dettaljata tal-qafas regolatorju tal-UE biex jiġi vverifikat jekk huwa jistabbilixxi ir-rekwiżiti li huma konsistenti ma' kull wieħed mit-22 "Prinċipju" u mill-106 "Kunsiderazzjoni Ewlenija" applikabbli għas-CCPs. Għal kull wieħed mill-Prinċipji l-UE se tiġi gradata bħala: konsistenti, konsistenti b'mod wiesgħa, parzjalment konsistenti jew mhux konsistenti.
6. Filwaqt li l-EMIR u l-STR magħmula taħtu jistabbilixxu rekwiżiti li konsistentement jimplementaw il-PFMIs, il-qafas regolatorju taħt l-EMIR mhux dejjem juża l-istess lingwaġġ operattiv kif użat fil-PFMIs. L-ESMA tinsab imħassba li d-differenzi bejn il-lingwaġġ operattiv użat fil-qafas tal-EMIR u l-lingwaġġ operattiv użat fil-PFMIs jistgħu ma jħallux lill-UE tiġi gradata bħala li għandha implimentazzjoni konsistenti tal-PFMIs fir-rigward tas-CCPs.

---

<sup>1</sup> Il-Prinċipji CPSS-IOSCO għall-infrastruttura tas-suq finanzjarju, April 2012 (<http://www.bis.org/publ/cpss101a.pdf>). Il-PFMIs jikkonsistu minn 24 Prinċipju, u 5 Responsabbiltajiet. Għal kull Prinċipju hemm sensiela ta' Kunsiderazzjonijiet Ewlenin li jkomplu jispjegaw l-istandard tal-oġettiv primarju. B'kollox hemm 115-il Kunsiderazzjoni Ewlenija.

7. Dan ikun riżultat sfortunat peress li l-leġiżlatur (fir-rigward tar-regolament EMIR) u l-ESMA (fir-rigward tal-abbozz tal-STR li ppreżenta lill-Kummissjoni taħt l-EMIR) it-tnejn kellhom il-ħsieb biex il-qafas regolatorju tal-UE għas-CCPs jimplimenta b'mod konsistenti l-PFMIs, u awtoritajiet kompetenti kienu diġà qegħdin japplikaw l-PFMIs fis-superviżjoni tagħhom tas-CCPs. Dan huwa kkonfermat fil-Premessa 90 tal-EMIR li tfakkar l-importanza li tiġi żgurata konverġenza internazzjonali tar-rekwiżiti għas-CCPs, li l-EMIR hija intenzjonata li ssegwi l-istandards internazzjonali żviluppati mis-CPSS-IOSCO, u li l-ESMA għandha tikkunsidra l-istandards internazzjonali tas-CPSS-IOSCO meta tkun qed tfassal l-STR kif ukoll il-Linji gwida u r-Rakkomandazzjonijiet previsti mill-EMIR.
8. Filwaqt li l-leġiżlatur u l-ESMA t-tnejn kellhom il-ħsieb biex il-qafas regolatorju tal-UE għas-CCPs jimplimenta b'mod konsistenti l-PFMIs, u l-awtoritajiet kompetenti kienu diġà qegħdin japplikaw l-PFMIs fis-superviżjoni tagħhom tas-CCPs, dan mhux attwalment artikolat b'mod li jista' jintuża bħala referenza mis-CPSS-IOSCO bħala parti mill-valutazzjoni tagħhom tal-implimentazzjoni tal-UE tal-PFMIs fir-rigward tas-CCPs.
9. L-ESMA tqis l-adozzjoni tal-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 16 tar-Regolament ESMA bħala mod xieraq ta' kif isir dan.

### III. Obbligi ta' konformità u ta' rappurtar

#### Status tal-linji gwida

10. Dan id-dokument jinkludi Linji gwida u Rakkomandazzjonijiet maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament ESMA<sup>2</sup>. Awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom ikunu konformi billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom.

#### Rekwiżiti ta' rappurtar

11. Awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-Linji gwida u r-Rakkomandazzjonijiet iridu jinnotifikaw lill-ESMA jekk jikkonformawx jew hux bi ħsiebhom jikkonformaw mal-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet, bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni mill-ESMA lil [post-trading@esma.europa.eu](mailto:post-trading@esma.europa.eu). Fin-nuqqas ta' reazzjoni sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati bħala mhux konformi. Formola għan-notifiki hija disponibbli fuq il-websajt tal-ESMA.

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE.

#### **IV. Linji gwida u Rakkomandazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Prinċipji CPSS-IOSCO għall-Infrastrutturi tas-Suq Finanzjarju fir-rigward tal-Kontropartijiet Ċentrali**

##### **LINJI GWIDA U RAKKOMANDAZZJONIJIET**

(Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012)

L-EMIR u l-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni li jkunu saru taħtu jistabbilixxu rekwiżiti li huma konsistenti mal-Prinċipji għall-Infrastrutturi tas-Suq Finanzjarju ppubblikati mill-Kumitat dwar is-Sistemi ta' Pagament u Saldu u l-Bord tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (PFMIs). Meta jwettqu l-obbligi li jirriżultaw mill-EMIR għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CCPs, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li s-CCPs stabbiliti fit-territorju tagħhom jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti skont il-PFMIs u joperaw b'mod li jkunu konsistenti magħhom.